**156. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi hu maħsub fis- subartikolu (1) tal- artikolu 5, tal-Att ta' l-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) (Att X ta' l- 1988) li sa dak iż-żmien li jkun ġie approvat pjan lokali għal area partikolari li tkun tagħmel parti minn area żviluppata, il-Ministru jista' jagħmel proġetti ta' pjani regulaturi dwar dik l-area skond is- subartikolu (2) ta' dak l- artikolu; u

Billi hu maħsub fil- paragrafu (e) tas- subartikolu (2) ta' l- imsemmi artikolu 5, illi meta l-Ministru jkollu ħsieb li jagħmel proġett, huwa għandu wara li jkun osserva l-provvedimenti tal-paragrafi precedenti ta' l-imsemmi subartikolu, jirtira jew japprova l- proġett kif introdott fil-proposta jew kif mibdul skond kif seta' ġie suġġerit mill-Kumitat tal- Kamra jew f'xi kummenti magħmula skond il- paragrafu (c) ta' dak is- subartikolu, u jippublika l-proġett approvat fil-Gazzetta;

Iżda l-Ministru ma għandux japprova proġett jekk dak il-proġett ma jkunx ġie qabel ikkunsidrat u approvat mill-Kumitat tal- Kamra; u

Billi skond is-subartikolu (8) ta' l-istess artikolu l-espressjoni "approvata mill-Kumitat tal-Kamra" tfisser approvata b'deciżjoni ta' dak il- Kumitat appoġġata mill- voti ta' mhux anqas minn erbgħa mill-membri tiegħu, u fejn ma jkunx hemm dik l-approvazzjoni, dik l- espressjoni tfisser approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati; u

Billi l-Ministru ħejja proposta ta' proġetti ta' pjani regolaturi li kopja tagħhom tqegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra fit-23 ta' Novembru 1988 u fil-15 ta' Marzu 1989; u

Billi l-Ministru bi ħsiebu japprova l-proġetti wara li dawn ġew mibdula skond kif ġie suġġerit mill- Kumitat tal-Kamra u wara li ġew ikkunsidrati l- kummenti magħmula skond il-paragrafu (c) ta' l- imsemmi subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 5, u dan kif jidher fil- pjanti mqegħda fuq il- Mejda tal-Kamra fil-21 ta' Ġunju 1989; u

Billi skond id- dispożizzjonijiet tas- subartikolu (8) ta' l- artikolu 5 ta' l-Att fuq imsemmi jinħtieġ li qabel il-Ministru japprova l- imsemmija proġetti kif fuq ingħad, dawk il-proġetti iridu jiġu approvati b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk il-Kamra tirriżolvi li tapprova il- proġetti ta' pjani regulaturi mibdula skond kif ġie suġġerit mill- Kumitat tal-Kamra u wara li ġew ikkunsidrati l- kummenti magħmula skond il-paragrafu (c) ta' l- imsemmi subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1988 Dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji); u dana kif jidher fil-pjanti mqegħda fuq il-Mejda tal-Kamra fil-21 ta' Ġunju 1989.

21.06.1989